

# 8 ta' Settembru - Il-Vitorja

*minn Joe Chetcuti*

Allavolja issa għaddew kważi nofs millenju minn meta Malta sofriet l-Assedju l-Kbir mill-armata Torka; allavolja l-festi nazzjonali ta' Malta f'dan l-aħħar nofs seklu żdiedu minn waħda għal ħamsa, il-festa tal-Vitorja li kienet l-ewwel Festa Nazzjonali, qatt ma marret lura, anzi żdiedet matul il-mixja tas-snin. Waħda mir-raġunijiet hi, li hawn Malta, il-festa tal-Vitorja hi magħquda intimament mat-Tifkira tat-Twelid tal-Verġni Marija - il-Bambina. Żewġ twelidijiet: dik tal-Madonna u dik ta' Malta mill-ġdid bir-rebħa l-kbira tal-Maltin fuq it-Torok.

Ftit jew wisq, kważi l-Maltin kollha jafu jgħidulek xi ħaġa fuq l-Assedju l-Kbir tas-sena 1565, imma mhux kulħadd jaf fuq l-impatt kbir li r-rebħa tal-Maltin kellha fuq l-istorja tal-Ewropa kollha kemm hi. Fis-sekli 15 u 16, l-Ewropa, li kienet kontinent li jħaddan ir-reliġjon nisranija, kienet mhedda mit-Torok li jħaddnu r-reliġjon Iżlamika, ta'



L-Assedju l-Kbir tal-1565



L-Assedju fuq il-Forti San Mikiel fis-27 ta' Ġunju 1565.



Il-Gran Mastru Jean De La Vallette.

Mawmettu. It-Torok tant kienu rabbew arja u żiedu fil-qawwa militari li għamlu ħafna konkwisti u bdew jibnu Imperu kbir - l-Imperu Ottoman. Kif għedna, riedu jaħkmu l-Ewropa u ddeċidew li jibdew miċċkejkna Malta għax Malta dejjem kienet "iċ-ċavetta tal-Mediterran".

F'dak iż-żmien, Malta kienet taħt il-ħakma tal-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann - Ordni Reliġjuż. Qabel ġew Malta, il-Kavallieri kienu Ċipru, gżira oħra fil-Mediterran. It-Torok ħabtu għal Ċipru, keċċew lill-kavallieri li ġew Malta.

Imma t-Torok ma ħamlux jaraw lill-Kavallieri stabbiliti f'Malta. Riedu jħarbtu l-Ordni ta' San Ġwann darba għal dejjem. Il-Misilmin dejjem kienu għedewwa ħorox tal-Insara. Fil-ġlied li kellhom biex ikabbru l-imperu tagħhom, it-Torok kienu joqtlu u jieħdu lsiera kemm jifilħu.

Mela, sebaħ jum meta flotta qawwija ta' xwieni Torok, mgħobbijin b'armata kbira ta' ġellieda, tfaċċaw fil-port ta' Malta. Il-jum kien it-18 ta' Mejju 1565. L-Ottomani niżlu l-art b'40,000 suldat taħt it-tmexxija ta' Mustafa Paxà; għamlu l-kampijiet tagħhom fil-kampanja, l-ikbar kamp kien fil-Marsa.

Il-forza ta' Malta kienet tabilħaqq fqira ħdejn dik tat-Torok. Il-Gran Mastru La Valette kellu b'kollox mad-9,000 suldat li minnhom kienu 592 kavallier u l-oħrajn Maltin.

Il-Maltin bdew jitolbu b'ħerqa kbira lill-Madonna biex teħlishom mill-ħakma tat-Torok u milli jidher semgħethom għax mill-ewwel inqala diżgwid bejn l-ammiral tal-flotta Pijali Paxà u l-ġeneral tat-truppi Mustafa Paxà. Mustafa ried li t-Torok l-ewwel jattakkaw u jieħdu lil Għawdex billi jirbħu ċ-Ċittadella filwaqt li Pijali ried li l-ewwel jiġi attakkat il-Forti Sant'Iermu ħalli l-flotta tkun sigurtà fil-port ta' Marsamxett. Imma fil-fatt l-attakki bdew fuq il-Forti Sant'Iermu. Wara ġimgħatejn wasal Dragut b'aktar flotta tat-Torok.

It-taqbida għall-Forti Sant'Iermu kienet qalila. Il-forti ġie mfarrak u fit-23 ta' Ġunju 1565, il-kavallieri u l-Maltin kellhom iċedu u jerħu l-forti f'idejn it-Torok.

Wara li waqa' Sant'Iermu saru xeni li jkexkxu. It-Torok qatlu l-kavallieri u l-Maltin li ċedew, fetħulhom sidirhom forma ta' salib, rabtuhom ma' biċċa njama u xeħtuhom il-baħar biex ir-riħ jeħodhom lejn Sant'Anġlu fejn kien hemm La Valette. La Valette, b'risposta qata' ras il-priġunieri kollha u dawn l-irjus ġew sparati lejn Sant'Iermu li issa kienu f'idejn



Il-Forti Sant'Anġlu fil-Birgu.



Il-flotta fil-battalja ta' Lepanto (Greċja) fis-7 ta' Ottubru 1571.


Iċ-Ċittadella – Rabat Għawdex.

it-Torok.

It-taqbida għal Sant'Iermu swietilhom ħafna lill-Ottomani: tilfu mat-8,000 raġel u tilfu lil Dragut li miet b'daqqa ta' ġebla.

Wara l-waqa' ta' Sant'Iermu l-ġlied baqa' sejjer. It-Torok ħabtu għall-Birgu u għall-Isla, imma għalkemm mietu ħafna nies dawn ma ġewx mirbuħa.

Sadanittant La Valette talab l-għajnuna minn Sqallija. Waslet din l-għajnuna, 7,850 raġel, fis-7 ta' Settembru. Hawn it-Torok bdew jaqtgħu qalbhom, bejn għax il-Maltin ivvelenaw il-bjar tal-ilma minn fejn jixorbu t-Torok billi ntefgħu xi annimali mejta ġol-bjar u ankè għax ħasbu li minn Sqallija waslet forza aktar qawwija milli fil-fatt ġara.

It-Torok daqqew l-irtirata u fit-8 ta' Settembru t-truppi ħallew ix-xtut ta' Malta għal kollox.


Il-wasla ta' numru kbir ta' suldati minn Sqallija waqt l-Assedju l-Kbir fl-1565. Dettal tal-affresk ta' Perez D'Aleccio.

Mar-rebħa tat-8 ta' Settembru żdiedet it-tifkira tar-rebħa, meta ntemm it-tieni assedju ta' Malta meta fit-8 ta' Settembru 1943, ċediet l-Italja.

Bir-rebħa ta' Malta fuq it-Torok, l-imperu Ottoman baqa' sejjer lura, l-aktar fit-telfa li ġarrbu t-Torok fil-Battalja ta' Lepanto (Greċja) fis-7 t'Ottubru 1571.

White Brothers Limited

White Brothers Building
St. Bernard Street, Marsa HMR 12

Tel: 2125 1484/5 • Fax: 2124 7374
e-mail: info@whitebrosmalta.com • www.whitebrosmalta.com